# L-ISKEJJEL TAL-GVERN

## It-Tagħlim f'Malta

Minn Ġużè Gatt

(*Ara għadd 78-79 paġ. 102*)

### III.

### L-ISKOLA TAL-GVERN F'GĦAWDEX

### FI ŻMIEN L-ORDNI

Fl-Ewwel Taqsima ta' dina l-kitba konna semmejna fuq li l-Kotba ta' l-Università ta' Għawdex huma mitlufa. Imħabba f'hekk għedna li wieħed ma jsib igħid xejn, dwar l-Iskola li seta' jkun hemm f'Għawdex, fiż-żmien li dawn il-Gżejjer kienu taħt il-ħakma ta' l-Araguniżi. Dil-biċċa tat-telfien tal-kotba, nistgħu ntennuha wkoll għall-bqija taż-żmien kollu li l-Ordni baqa' jsaltan fuq Gżiritna. Iżda, jekk il-ħtija ta' l-ewwel darba kienu t-Torok, tat-tieni darba l-ħtija taqa' fuq l-Għawdxin infushom. Dawn, meta fl-1798 qamu għall-Franċiżi, fit-telfa taddagħdiegħa li fiha kienu, ħarqu l-Arkivju ta' l-Università tagħhom. Il-Għwdxin, bl-għadab kbir li kellhom fuqhom, intilfu hekk bl-ikrah f'demmhom, li ma setgħux jintebħu ħsara bilkbira li kienu qed jagħmlu lil Gżirithom. Huma bħal riedu jitħallsu mill-Gvern, fil-ħin li l-ħsara li għamlu kienet qed taqa' fuqhom infushom. B'hekk l-Għawdxin fl-1798 issuktaw egħmil it-Torok mibdi fl-1551.

Madankollu, din l-għamla ta' ħerba ma saritx mill-Għawdxin uħudhom biss. F'kull rewwixta li ssir, aktarx lil-biċċa l-kbira jiġri dejjem minn dawn il-ħsarat. Mera ta' dan kollu li qed ingħidu, tagħtihulna t-taqbida li hemm fi Spanja l-lum. Ukoll il-Maltin, bħal ħuthom l-Għawdxin ma baqgħux neqsin minn dana l-egħmil fl-1798. Meta l-Imdina waqgħet f'idejhom, in-nies daħlu fil-Qorti u, fit-telfa li kienu, qabdu l-kitba kollha li kien hemm fl-Arkivju Kriminali, tefgħuhom għal barra t-trieq u tawhom in-nar. Riedu jaħarqu wkoll l-Atti tan-Nutari li kien hemm fl-Imdina. Iżda, żammhom li ma jagħmlux dan, wieħed li kien jieħu ħsieb ta' l-Arkivju tan-Nutari, jismu Ġanpatist Micallef, mir-Rabat ta' l-Imdina. B'hekk, bis-saħħa ta' dan, kienet meħlusa milll-qerda ta' dejjem dik il-ġawhra ta' ġabra ta' l-Atti tan-Nutari li għandna — ġabra msemmija mad-dinja kollha—billi fiha kitba sa minn 500 sena ilu.

bih, la darba t-telfa ta' l-Arkivju ta' l-Università tagħmilha ħafna bi tqila biex inkunu nafu aktar milli għarrafna fuq l-Iskejjel ta' dik il-Gżira fiż-żmenijiet li qegħdin insemmu.

Wara dal-ħijel żgħir li ħassilna miż-żjara li Mons. Duzzina għamel f'Għawdex fl-1575, nerġgħu naqgħu fi dlam ċappa għal dawra ta' 43 sena oħra. Mill-1575 sa l-1618 ma rnexxielna nsibu ebda tagħrif dwar it-Tagħlim f'Għawdex. Iżda fl-1618 tqanqal wieħed Għawdxi, jismu Dr. Nikol Anġlu Maħnuk. Dan tħajjar li jieħu ħsieb biex ħutu l-Għawdxin ikollhom fejn jistgħu jitgħallmu sewwa. U biex xewqtu titwettaq bla ebda xkiel fl-4 ta' Settembru, 1618, għamel it-testment għand in-Nutar Ġanni Xmun Delucia. Fih ħalla kulma kellu lill-Patrijiet Ġiżwiti tal-Belt. Iżda biex dawn setgħu jieħdu l-ġid ta' Maħnuk, kellhom iwaqqfu kulleġġ għat-tagħlim u Knisja b'dar għal xi wħud mir-Rhieb Ġiżwiti, ħalli dawn ikunu jistgħu jgħammru hemm. U biex il-Ġiżwiti jieħdu ħsieb jidħlu għal dina l-biċċa u joqogħdu għal li ried Maħnuk, tahom tliet snin żmien, waqt li wkoll ried li dana l-Kulleġġ kellu jitwaqqaf fil-Belt ewlenija ta' Għawdex, jiġifieri r-Rabat. Iżda, kemm il-darba dawn ma jkunux iridu jilqgħu u joqogħdu għax-xewqa u r-rieda tiegħu, ġidu kellu jmur għall-Patrijiet Dumnikani tal-Belt. Bih kellhom jibnu Kunvent għalihom f'Għawdex, iżda taħt ftehim li jsir xi quddies għal ruħu u f'ġieħ il-Madonna. U dan barra milli jsir ukoll it-Tagħlim Nisrani u priedki fit-tieni u r-raba' Ħadd ta' kull xahar.

Għall-ewwel, ix-xewqa ta' Maħnuq, kienet milqugħa tajjeb ħafna mill-Ġiżwiti. U dan jidher mill-kuntratti li saru għand in-Nutari Ġanni Xmun Delucia, fit-30 ta' Mejju, 1620; għand Matti bin Toni Xiberras, fit-18 ta' Marzu, 1622; u għand Pietru Zammit, fil-31 ta' Marzu, 1622.

Għal dina l-biċċa, fid-dar ta' Maħnuk, marru joqogħdu żewġ Ġeżwiti, biex jieħdu ħsieb ħalli jagħtu bidu għall-bini tal-Kulleġġ il-ġdid. Dawn kienu Patri Luċju Bonello u Fra Anġ Caruana. Iżda f'daż-żmien ma nafux x'inqala', u l-Ġiżwiti, f'isem il-Patri Ġeneral tagħhom, telqu u ħallew il-ġid ta' Maħnuk, bla ma ssuktaw il-kulleġġ xejn. U dan jidher minn kuntratt li sar għand in-Nutar Wenzu Fiteni fit-8 ta' Settembru,1625.

Għat-tħollija ta' ġid Maħnuk mill-Ġiżwiti dan kellu jaqa' kif għedna fuq il-Patrijiet Dumnikani tal-Belt Valletta. Iżda ġara li dawn lanqas ma setgħu jilqgħuh imħabba l-Kostituzzjoni tagħhom kif jidher mill-kuntratt li sar għand in-Nutar Ġanpawl bin Wenzu, fit-23 ta' Ottubru 1630. Din tgħid li meta wieħed iħalli ġid li ma jkunx biżżejjed biex bih jistgħu jinżammu f'Kunvent mill-anqas tnax il-Raheb, l-Ordni ma għandhiex tidħol għalih. Fuq hekk, l-Isqof dawwar il-ġid kollu li kellu Maħnuk għal fuq il-Knisja Kulleġġjali ta' Għawdex. Bih żied Kanonikat ieħor, is-seba' wieħed, u lil dan tah l-isem ta' Teologale. (Mss. Bibl. No. 146) (*Jissokta*)

Ġanpatist Micallef kien Purtier u Mazzier ma' l-Università ta' l-Imdina. Bi ħlas kellu żewġ scudi u nofs fix-xahar. Iżda, mħabba l-ħila li għamel biex ħeles minn qerda ta' dejjem l-Arkivju tan-Nutari, wara bdew jagħtuh ħames skudi. Ta' dan l-egħmil tiegħu kien ħaqqu tassew li jimxu miegħu kif imxew. U għalhekk ukoll aħna ridna li nġibu hawn il-biċċa ta' Ġanpatist Micallef, biex ngħarrfu x'għamel dan għal Malta, ħalli b'hekk ismu ma jintesiex, iżda jibqa mfakkar għaż-żmien li ġej.

Bil-qerda ta' l-Arkivju Kriminali ta' l-Imdina u bl-ieħor ta' l-Università ta' Għawdex, dawn il-Gżejjer tilfu għadd kbir ta' kitba li kienu jistgħu jitfgħu bosta dwal fuq ġrajjietna.

Bħalma l-Għawdxin kellhom l-Università tagħhom, imwaqqfa fl-1416, hekk ukoll kellhom il-Kunsill Popolari għalihom. Fil-20 ta' Ġunju, 1575, il-Kunsill Popolari ta' Għawdex iltaqa' fil-Knisja Matriċi, biex jaraw minn fejn jiġbru l-flus ħalli jsewwu s-swar tal-Kastell ta' Għawdex. F'din il-laqgħa ħadu sehem minn kull xorta ta' nies: qassisin u mhumiex. Dawn qatgħu li jagħmlu taxxa ta' ħabba fuq kull kartoċċ inbid u ta' żewġ dwiener (1) fuq kull qasba żejt.

Il-laqgħat l-oħra tal-Kunsill Popolari kienu jsiru fid-dar tal-Gvernatur ta' Għawdex. Hawn kienu jkunu msejħa l-misserijiet u dawk li jkunu jżommu d-dar, biex jagħtu l-fehma tagħhom dwar dak li jkollu jsir għall-ħtieġa tal-Gżira.

L-ewwel Deputati ta' l-Għawdxin li saru, imsejħa Kuntistabblijiet, kienu maħtura fit-18 ta' April 1637. Dawn kienu tnejn biss għal Għawdex kollu. Saru għax il-Gran Mastru Laskri ried li l-Għawdxini kollhom ukoll min jidher għalihom fil-Kunsill Popolari tagħhom, nies bl-isem ta' Kuntistabblijiet, bħalma hekk ukoll kellhom il-Maltin.

Nerġgħu għall-Iskejjel.

Billi, bħalma għedna, il-kitba ta' l-Università ntemmet fin-nar, ma nafux jekk kienx hemm Skola tal-Gvern f'Għawdex fl-ewwel snin ta' l-Ordni f'Malta. L-ewwel xaqq dawl li stajna niksbu dwar din il-biċċa, nsibuh fiż-żjara li Mons. Duzzina għamel lill-Knejjes ta' dik il-Gżira fl-1575. Mons. Duzzina sab li l-Knisja Matriċi ta' Għawdex kienet qed toħroġ erbat ewwieq fis-sena għal Surmast biex igħallem id-Djakni tagħha. Iżda, barra dan it-Tagħlim li kien isir lid-Djakni li semmejna, ma kien hemm l-ebda skola oħra f'Għawdex fl-1575. Meta Duzzina staqsa lill-Vigarju ta' l-Isqof f'Għawdex, Dun Lawrenz de Apapis, jew Apap, biex jagħtih xi tagħrif dwar is-Surmast ta' l-Iskola li seta' jkun hemm, dan wieġeb li ma hemm l-ebda Surmast ta' l-Iskola f'dik il-Gżira.

Dan it-tagħrif żgħir biss irnexxielna li niksbu minn għand Duzzina dwar it-Tagħlim f'Għawdex, wara 45 sena li l-Ordni kien ilu li ġie f'Malta. B'dana kollu, wieħed ikollu jitqanna

(1) Sitt dwiener kienu jagħmlu ħabba.